**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR37/VIII/2022**

**Il-Erbgħa, 7 ta' Settembru 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 7 ta' Settembru 2022, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**37.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**37.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**37.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

37.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 36 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

37.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

37.3.3 Saret korrezzjoni u ġew approvati.

### 37.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

37.4.1 Dwar il-proġett '*New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo',* LCF/16/2020, is-Sindku għarraf lill-membri li l-enġiniera tad-dawl infurmaw lill-kuntrattur biex issir prova fuq fanali bid-*difuser* trasparenti u tiġi mqabbla id-differenza fid-distribuzzjoni tad-dawl meta ikkomparata ma *diffuser* matt. Wara li jsir dan ser isir komunikat ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jintbagħat rapport tar-riżultat.

37.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li Triq Sir Luiġi Camilleri, għandha tingħata kisja tarmak kollha kemm hi mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wara li jitlesta x-xogħol tal-*mains* tal-ilma tad-djar residenzjali.

37.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li tkellem mal-*Community Police* biex jieħdu ħsieb javżaw lill-bejjiegħa tal-monti biex ma jibqgħux jarmaw fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus.* Dawn ħadu posthom lura fi Pjazza Savina. Kienu jarmaw fil-parkeġġ minħabba l-armar tal-festi li jkun hemm fi Pjazza Savina.

37.4.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li minn naħa tad-Direttorat Eko-Għawdex ser jibnu mill-ġdid il-ħitan tas-sejjieħ tat-Telgħa ta' Majru u ta' Triq Wied il-Lunzjata. Waqt dan ix-xogħol, li ser jinbeda ħmistax oħra, ser jingħalqu t-toroq in kwistjoni, sabiex ix-xogħol isir kif suppost u ma jkunx hemm periklu. Is-Sindku qal ukoll li talab lid-Ditettorat sabiex jikkunsidra li t-triq titqaxxar u ssir bit-tarmak.

### 37.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

37.5.1 Tressaq ilment li fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* il-karozzi tal-linja qed jieħdu ħafna aktar spjazji minn dawk allokati għalihom. Il-membri qablu li l-pulizja għandha tiġi nfurmata b'dan.

37.5.2 Tressqu mistoqsijiet fir-rigward ta' blokka flats f'taċ-Ċawla H.E. li ser tinbena ġdida mill-Ministeru għal Għawdex. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jindika fejn ser issir din il-binja u wkoll jissuġġerixxi li taħt il-binja għandu jkun hemm lok għall-parkeġġ.

37.5.3 Rigward it-tismija ta' Triq Suor Marcellina Tabone s-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li fl-2015, il-Kunsill kien talab lill-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq sabiex triq ġdida fi Triq il-Mitħna tissejjaħ għal Suor Marcellina Tabone. Il-membri qablu li jerġa jitqajjem dan il-punt mal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq.

37.5.4 Rigward it-tkomplija tal-ġemellaġġ ma Nichelino, s-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ma rċeviex risposta minn naħa tat-Taljani. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill isib alternattivi oħra għall-ġemmellaġġ ma bliet oħra. Il-membri qablu.

37.5.5 Dwar l-espressjoni ta' interess għall-animatur tal-*Junior Science Club* intefgħet applikazzji waħda. Dan jiġi assessjat mill-Uffiċċjali tal-Edukazzjoni tax-Xjenza fi ħdan id-Dipartiment għall-Kurrikulu u *Lifelong Learning.*

## 37.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

37.6.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward survey fuq trasport sostenibbli;

37.6.2 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali. Cir AKL 2022/082 dwar Sigurta' ħdejn l-iskejjel;

37.6.3 l-organiżżaturi tal-festi tal-Milied fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn issuġġerew li tiżżejjen Triq taħt Purirjal. L-istima hi ta' l-fuq minn €10,000. Il-membri ma qablux li din tiżżejjen b'din il-istima peress li hi għolja ferm u Triq taħt Puritjal hi arterja prinċipali u allura taqa' f'idejn il-Ministeru għal Għawdex;

37.6.4 Carmelo Galea & Accociates li kitbu għan-nom ta' resident fi Triq l-Imgħallem fejn ilmenta bil-ħsara li qed ikollu fid-dar minn meta saret it-triq bit-tarmak. Il-Kunsill ma kellu ebda' konnessjoni ma dawn ix-xogħolijiet peress li Triq l-Imgħallem hi arterja prinċipali. L-Avukat tal-Kunsill irrispondiet l-ittra;

37.6.5 sid ta' ħanut fi Triq Ġuże' Labre' fejn qalet li waqgħet u weġġgħet sieqha minħabba li t-triq hi ħażina. Il-Kunsill bagħat lill-kuntrattru jara xi ħsara hemm biex jekk hemm, din titranġa minnufih;

37.6.6 l-organiżżaturi tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja fejn talbu sabiex jinżabbru s-siġar ta' Triq il-Kapuċċini. Billi din hi arterja l-organiżżaturi ntalbu li jressqu din ix-xewqa lill-Ministeru għal Għawdex;

37.6.7 is-Segretarju Eżekuttiv li resqet talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 112 siegħa *leave* ġie approvat li jiġi mgħoddi għas-sena 2023. Dan jiġi approvat ukoll mid-Direttur fid-Diviżjoni għal-Gvern Lokali;

## 37.7 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update*

37.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li nbeda x-xogħol ta' restawr fuq l-ewwel statwa ta' Pjazza Santu Wistin. Il-Perit diġa talab spezzjoni oħra sabiex rappreżentanti tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali jiġu jispezzjonaw ix-xogħol.

## 37.8 *Updgrade tal-Playing Field* – Triq taħt Putirjal

37.8.1 Il-membri ġew mgħarrfa li l-stima:- Quot. No. VLC/03/2022 – *Development of a concept design for the upgrading of Victoria Playing Field* għalqet fil-11 ta' Awwissu 2022.

37.8.2 Tressaq ir-rapport tal-bord li qed jissuġġerixxi li x-xogħol isir minn 'The Doric Studio'. Il-membri qablu mas-suġġeriment tal-bord u l-kuntrattur għandu jiġi mgħarraf. Għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur sabiex jiġi speċifikat il-Kunsill x'jixtieq li jsir fil-*playing field.*

**37.9 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

37.9.1 *double yellow lines* mal-garaxx ta' 'Madonna ta' Pinu' fi Triq Patri Anton Debono;

37.9.2 *road hump* fi Triq Pompei. Il-membri qablu li din issir quddiem il-persuna li talbet għaliha u li aċċetta li ssir quddiem il-propjeta' tiegħu. In-naħa l-oħra tat-triq ma hemmx dar privata. Il-membri qablu wkoll li qabel issir ir-*road hump* din għandha titpitter fl-art sabiex il-persuna li aċċettat li titpoġġa quddiem id-dar tiegħu tkun taf eżatt fejn ser tiġi;

37.9.3 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 'Casmon', fi Triq Mary Mejlaq;

37.9.4 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabiltia' għal sena quddiem 48, Triq il-Kapuċċini;

<u>Korrispondenza relatata ma traffiku</u>

37.9.5 Residenta fi Triq Santa Marija lmentat minħabba li tneħħa l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' minn din it-triq. Dan tneħħa minn naħħa ta' TM peress li l-persuna li kienet talbet għalih ġiet nieqsa. Sadanittant il-Kunsill reġa mmarka l-kaxxa u l-*parking bay* hi miftuħa għall-pubbliku in ġenerali;

37.9.6 Tressqet korrispondenza fir-rigward tal-istallazzjoni tal-i*smart parking* fi Triq Repubblika u Triq Fortunato Mizzi. Din qed tiġi kordinata bejn TM u l-Ministeru għal Għawdex.

37.9.7 TM bagħtet pjanta ta' kif qed jiġi suġġerit li jsiru l-*parking bays* fi Pjazza Santu Wistin qrib il-kantuniera ta' Triq Librerija. Il-membri qablu mal-proposta. Ser ikun hemm lok ukoll għall-parkjeġġ tal-muturi.

37.9.8 Korrispondenza f'isem 'Dar Christine' fi Triq Wistin Camilleri, fejn qed jintalbu żewġ parkeġġi riservati. Il-Kunsill ikkonsulta ma TM u rriżulta li strutturi bħal *night shelters*, skont il-*policy* ta' TM mhumiex eliġibbli għall-parkeġġi riservati.

37.9.9 Korrispondenza mingħand il-Gozo Regional Development Authority (GRDA) fejn intalab parkeġġ riservat quddiem l-uffiċċju fi Triq Ninu Cremona. Il-Kunsill talab il-parir ta' TM u staqsa jekk jinħoloqx preċedent ma' Awtoritajiet jew Uffiċini Governattivi oħra jekk dan il-parkeġġ jiġi approvat.

37.9.10 Minn Newsbook staqsew jekk il-Kunsill ikkunsidrax li ssir *pedestrian crossing* quddiem 'The Duke' fi Triq Repubblika. Dan wara li dawn l-aħħar ġranet seħħew diversi inċidenti tat-traffiku. Billi din hi arterja prinċipali, il-Kunsill bagħat din il-mistoqsija lill-TM.

**37.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

37.10.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2022 skond dokument A anness.

37.10.2 Dwar il-kontijiet ta' Gatt Tarmac Tarmac Ltd. il-membri ġew mgħarrfa li saret il-laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill li għalija attendew is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-*Project Manager* tal-proġett tal-ERDF li sar mill-Kunsill preċedenti. L-avukat qalet li l-preskrizzjoni tista' titqajjem pero' jekk jirriżulta li mhux preskritt ikollu jitħallas l-imgħaxx ma l-ammonti li Gatt qed jgħidu li hu dovut. Fir-rigward tal-*water culvert*, l-Avukat staqsiet jekk dan sarx. Billi dan sar, l-Avukat issuġġeriet li l-partijiet, l-avukati u l-Perit jiltaqgħu u jiddiskutu fir-rigward tal-ammont dovut biex jintlaħaq l-aħjar ftehim. Il-*Project Manager* għandu l-istejjem tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta-Ilma li jirriflettu l-ammont li Gatt qed jgħid li hu dovut. Dan kollu irid jiġi vverifikat mill-Perit tal-proġett. Il-membri qablu li għandha ssir din il-laqgħa.

**37.11 Xogħlijiet oħra**

37.11.1 Tressaq ir-rapport relatat mall-proġett *"Identity of an Island", SFLS/RFQ/11/2022 - Quotations for services related to marketing and photographic documentation of event titled "Identity of an Island Gozo: Art between Past and Present".* Il-membri qablu li tintgħazel l-istima ta' George Formosa bil-prezz ta' €3,994.30 peress li hi l-orħos waħda.

Il-membri qablu li:-

37.11.2 jeħel l-isem tat-triq taċ-ċeramika ta' Triq il-Belliegħa peress li ma hemmx jindika l-parti tat-triq il-ġew fejn Wied Karawendi;

37.11.3 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-toroq għandu jiġi mistoqsi jekk għandux maħsub isem għat-triq ġdida li tibda minn Triq l-Ewropa u tidħol fl-egħlieqi u li tinsab 'l isfel mill-kumpless sportiv;

37.11.4 jiġi organiżżat l-Aurora International Folk Festival u l-Kunsill għandu jieħu ħsieb il-loġistika tal-festival,

37.11.5 jiġi organizzat il-kunċert 'Ewfonija' u l-Kunsill jieħu ħsieb il-loġistika;

37.11.6 jieħdu ħsieb il-loġistika u l-permessi taż-żewġ opri li jsiru f'Ottubru;

37.11.7 titranġa rampa quddiem 'Nwar' fi Triq Parti Anton Debono;

37.11.8 titranġa bankina li hi għolja quddiem 'Kozmo' fi Triq Gorg Borg Olivier;

37.11.9 tiġi organiżżata wirja ta' karozzi fi Triq Repubblika u Trejqet l-Exchange, nhar il-Ħadd, 23 t'Ottubru 2022;

37.11.10 jitpoġġa bank ġdid fejn il-*playing field* f'taċ-Ċawla H.E.

### 37.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2022.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv